**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 736/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs.**

**Tarquin Vella**

Illum, il-25 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Tarquin Vella ta' 44 sena, bin Joseph Vella u Maria Margaret Schembri imwieled il-Pieta' nhar it-22 ta' Awwissu u residenza mhux maghrufa, detentur tal-karta ta' l-identita' 405690

Akkuzat talli talli bejn id- 19 ta Settembru 2023 u l- 20 ta Settembru 2023, minn gewwa l- fond 59, Triq San Gorg, Bormla

1. Ikkometta serq ta' diversi ogetti relatati mas- sbuhija , liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, u bil-valur, liema ammont liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Kaya Mizzi u/jew persuni ohra;

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi u/jew fi granet ta' qabel, naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr M.Vella LLD fid-digriet taghha tas-21 ta' Marzu 2023 li bih tat il-helsien mill-arrest.

U aktar talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u majistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghallhlas ta' speeds li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-25 ta' Settembru 2023 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali skont l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li matul l-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2023 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-Qorti

[1] Folio 6 ta' l-atti processwali
[2] Folio 9 ta' l-atti processwali

avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.[3]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' serq li sar mill-imputat li huwa aggravat kif ukoll ksur ta' kondizzjonijiet u li huwa recidiv.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

[3] Folio 55 ta' l-atti processwali

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija waħda ferm refrattarja tul dawn l-aħħar sittax il-sena. Illi sa Settembru tas-sena 2023 il-fedina penali hija ta' disa u tlettin (39) faċċata![4] Madankollu minn eżami ta' l-istess fedina penali jirriżulta li maġġior parti tas-sentenzi reġistrati kontrih huma dwar in-nuqqas tiegħu li jmanti lill-uliedu.

-L-imputat irreġistra ammisssjoni għall-imputazzjonijiet kollha fi stadju bikri tal-provi

- Qieset il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu waqt is-smiegħ tal-kawża tiegħu u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

-Illi jirriżulta li l-imputat ammetta wara li l-prosekuzzjoni kienet bdiet tressaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Madankollu kienet laħħqet saret seduta waħda biss qabel l-imputat irreġistra ammissjoni. Għaldaqstant filwaqt li ma jistax jingħad li l-ammisjoni saret fi stadju bikri xorta huwa meqjus li sar tul il-mori tal-proċeduri u qabel is-sentenza finali u fi stadju kmieni tal-provi tal-prosekuzzjoni.

- Illi dan huwa każ li jikkonċerna serq aggravat bil-mezz, ħin u valur kontra ċertru Kaya Mizzi.

[4] Folio 20-49 ta' l-atti processwali
[5] Qorti Kriminali deċiża 24 ta' Frar 1997
[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Ghaldaqstant in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ma tistax taghti piena fil-*minimum* taghha. L-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiextingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjemikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi fis-sottomissjonijiet finali taghha l-prosekuzzjoni isuggeriet lil din il-Qorti sabiex tikunsidra piena alternattiva ta' habs u taghti sentenza sospiza flimkien ma Ordni ta' Kumpens. Il-Qorti giet ukoll mitluba tikkunsidra li taghti piena ta' multa ghar-rigward it-tieni imputazzjoni u ma tirrevokax il-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tieghu.

- Illi minn naha taghha d-difiza abbracjat ruhha mas-suggeriment tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-

cirkostanzi, li piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni mhux ser thalli l-frott mistenni u ghalhekk il-Qorti sejra tikunsidra piena alternattiva ta' habs.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 26(1)(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 279(a), 280, 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Tarquin Vella fuq ammissjoni tieghu stess **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' sentejn habs li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spejgat l-import u obbligi naxxenti minn din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A, 28H u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati jħallas l-ammont ta' erba' (€400) mitt Euro lil Kaya Mizzi fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur millum bhala kumpens ta' dak soffert minnha. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas mill-imputat, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija tal-fehema li mhux opportun li l-Qorti tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tal-21 ta' Marzu 2023 pero tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) u qed tordna l-**konfiska** ta' l-ammont ta' tlett telef Euro (€3,000) mill-garanzija personali.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Kaya Mizzi ghal perjodu ta' tlett snin u li

ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Jannar 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**